# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 23 t' Awwissu 2013, fit-9am, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-laqgħa saret filgħodu għax il-kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv ma setgħux jaqblu fuq ġurnata u ħin u kien hemm bzonn illi ssir laqgħa qabel il-festa tar-raħal.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻAT: | Publio Abdilla | Kunsillier |

Nota mis-Segretarju Eżekuttiv: Is-sur Abdilla kien skużat għal laqgħa għax ma kienx hemm ħin fejn kullħadd kien jista jkun preżenti. Il-laqgħa saret fid-9am [23/08/2013] għax kien l-uniku ħin fejn il-maġġoranza ta' kunsilliera kienu se jkunu preżenti. Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qablu li s-sur Abdilla jkun skużat wara li kien avża il-Kunsill li ma kienx se jkun jista jattendi izda xorta ttieħdet id-deċiżjoni li ssir il-laqgħa.

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi s-sur Mario Sant se jkun in-narratur għal-awdjovisual u li se jagħti s-servizz tiegħu bħala narratur b'xejn [ref punt nru. 3.3]. Qal ukoll illi se jieħdu ħsieb l-isponsors għall-proġett wara l-festa. Zied illi diġa bdew jieħdu filmati rigward l-attivitajiet tal-festa.

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ma jirrispondux ir-rikwest tagħna biex nieħdu l-flus lura għall-kors tal-piroteknika [ref punt nru. 3.4], jemmen illi għandna nibagħtu mandatt b'avukat. Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sindku ta' Ħal Kirkop u ma Antoinette Cefai, li kienet qed tieħu ħsieb il-kors, u qalu li se ssir laqgħa ma dawk kollha li ħalsu għal kors. Is-Sindku qal illi kien staqsa x'sar bil flus u s-sinjorina Cefai qalet li mill-bank statement li sabet intużaw uzaw ftit fondi imma ma qalitx għal xiex intuzaw. Qalet ukoll illi hemm €4000 għal kull Kunsill [il-Kunsill ħalas €6800]. Is-Sindku u s-Segretajru għandhom jirċievu invit għal laqgħa fil-futur.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-technician tal-kompjuters u rappreżentant tal-Labour Office qegħdin jikkomunikaw bejniethom rigward l-equipment li se jintuza fl-uffiċju [ref punt 3.7].

3.4 Is-Sindku qal illi rċieva proposti "aħjar" mill-Kurja [ref punt 3.8 rigward in-Night Shelter] izda xorta mhumiex tajbin. Qegħdin joffru proposta biex nuzaw il-Muzew l-antik tas-Subien għall-kirja ta €10,000 kull sena għal 20 sena u €15000 fis-sena wara li jgħaddu dawn l-għoxrin sena. Is-Sindku qal li għandu x'imkien ieħor f'moħħu li jista jintuza għal dan il-proġett.

3.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi neħħew parti oħra tal-isleeping policeman ta' triq Ta' Ġawħar [ref punt 3.12]. Is-Sindku qal illi se jagħmel kamera fuq il-post. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm min isuq 'wrong way' biex jevita l-isleeping police u qegħdin joħolqu perikli zejjed. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li baqgħu kif qegħdin dawn l-isleeping police meta resqin lejn il-festa u l-marċ se jgħaddi minn hemm. Is-Sindku qal illi kellu jsir ħafna izjed xogħol madwar ir-raħal u li kien impossibli li nilħqu nirranġaw kollox.

3.6 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi s-surmast Tony Pace hu lest biex jgħin fis-serata mużika-letterarja li se ssir fis-sajf ta' 2014 [ref punt nru 3.13]. Qal ukoll illi kien hemm avviz fil-fuljett.

3.7 Is-Sindku qal illi għandu jiltaqa mal-kap tal-iskola biex jiddiskuti l-proposta tas-surmast Tony Pace [ref punt 4.3].

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva mingħand Kunsilli oħrajn rigward is-servizz t'Ozone li ġew sal-Kunsill biex joffru tariffi aħjar fuq telefony u internet għal Kunsill [ref punt 4.5].

3.9 Is-Sindku qal illi għamel rapport rigward is-serq tar-rampa ta' triq ta' Ġawħar [ref punt nru. 6.4]

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'aħna se nieħdu xejn mill-Gal Xlokk wara li applikajna għal fondi biex jintuzaw għal festa li se ssir fil-15 ta' Settembru. Dawn il-fondi ma kienux japplikaw għal entitajiet wara kollox [ref punt 6.5]

3.11 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kellux jieħu ħsieb it-toqba tal-bankina f'triq San Ġorġ [ref punt nri 6.8] imma xorta ħadna ħsieba biex nevitaw il-periklu.

3.12 Is-Segretarju qal illi s'issa irċieva kwotazzjoni mhux ikkonfermat biex nagħmlu site tal-Kunsill. Hemm start up fee ta €400 u €50/sena għal manutenzjoni

## 4. Korrespondenza

Ma kienx hemm korrespondenza.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

5.1 L-approvazzjoni tal-pagamenti se jsiru fil-laqgħa li jmiss.

## 6. Ħwejjeġ oħra

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jara jekk l-individwi tal-grupp sportiv se jerġgħu jagħmlu parti mill-kumitat il-ġdid. Qal illi għandhom joħorġu pjan t'attivitajiet għal matul l-istaġun. Is-Sindku qal illi

huma jistgħu jarmaw stand fil-festa ta’ 15 ta’ Settembru. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jivvintaw xi logħob li jista jsir bil-frott.

6.2 Il-Viċi Sindku qal illi hemm persuna li hu lest joħroġ stringatur industrijali għall-festa tal-15 ta’ Settembru.

6.3 Is-Sindku qal illi l-Mużewijiet ma wieġbux waqt li l-Każin u Safi AFC qalu li se jgħinu imma ma bagħtu xejn bil-miktub.

6.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi inqalet mera ġo triq Rqajja. Is-Sindku qal li diġa ġiet ordnata.

6.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm bozza f’triq San Pawl illi [reġgħet] marret. Se naraw il-fuse peress illi kien hemm problemi bl-istess fuse s-sena l-oħra.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-irħas kwota li rċieva għal projectors kien ta €358.95 + €125 għal bozza. Il-Kunsill qabel max-xiri tal-projector.

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna billboard għal Festa tal-15 ta’ Settembru f’Ħal Qormi. Qal ukoll illi ntbagħtu 20,000 flyer fir-reġjun.

**7 Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-11.30am.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-16 ta’ Settembru.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |